# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KAŻ NRU. 736/2022: **IL-PULIZIJA (SPETTUR GEORGE FRENDO, SPETTUR WAYNE BORG) V. RIO MICALLEF (KI. 423083M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' Frar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Rio Micallef ta' 29 sena, iben Joachim Micallef u Georgina nee' Sammut, mwieled Pietà nhar is-17 ta' Awwissu 1983, residenti ġewwa 47, Triq il-Kapuċċini, Marsa u detentur tat karta tal-identita 423083M (hawn imsejjaħ "l-imputat") li ġie mixli illi fix-xahar ta' Jannar 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. **Ta jew offra servizz tal-logħob u, jew fornitura' ta' logħob kritika li jeħtiegu liċenzja, mingħajr il-liċenzja meħtieġa maħruġa mill-Awtorita' jew minn awtorità oħra kompetenti fl-Unjoni Ewropea jew fiz-Zona Ekonomika Ewropea, jew għen, ħeġġeġ jew xort'oħra ffaċilita dak l-ghoti;**

2. **Uża, ttrasferixxa il-pussess ta', bagħat jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, irċieva, żamm, ittrasporta, ittrasmetta, oltera, iddispona minn jew b'xi mod ieħor innegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il- proprjetà bil-ħsieb li jikkonverti fi flus jew dik il- proprjetà jew dak ir-rikavat u kien jaf li ġew minnu jew kellu suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' kwalsijasi atti ta' kommisssjoni jew ommisjoni li jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att;**

3. **Talli wettaq, ippromwova, ta għajnuna, ħajjar jew b'xorta'oħra ffaċilita t-twettiq ta' attività li teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr tali awtorizzazzjoni.**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022 l-imputat wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li semgħet ix-xhieda u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni magħmula fil-fomm fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Wayne Rodney Borg,
- għan-nom tal-imputat, mill-Avukat Dr. Marion Camilleri

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Daħla

1. Qabel xejn għall-fini ta' preċiżjoni jingħad li din il-kawża mxiet *pari-passu* mal-kawża "**Il-Pulizija v. Lydon Micallef**" li skattat mill-istess investigazzjoni. Diversi xhieda li xehdu f'din il-kawża, xehdu ukoll fil-kawża l-oħra u minn żmien għal żmien kien hemm ukoll numru ta' talbiet sabiex ix-xhieda li ngħatat f'kawża tkun tapplika ukoll għall-kawża l-oħra u *vice-versa.* Jingħad ukoll però illi fiż-żewġ kawżi instemgħu xi xhieda li t-testimonjanza tagħhom kienet tapplika biss għal każ partikolari u mhux għall-ieħor. Il-Qorti sejra għalhekk għal kull xhud tindika jekk it-testimonjanza in kwistoni tapplikax ukoll għall-kawża l-oħra jew le.

### Provi

2. Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022 il-Qorti laqgħet it-talba sabiex ix-xhieda mogħtija fil-kawża l-oħra tkun tapplika ukoll għall-kawża odjerna għajr għad-dokumenti esebiti.

3. Fl-istess seduta u fil-kawża l-oħra, xehed l-Uffiċjal Prosekutur **Spettur Wayne Borg** li spjega *inter alia* s-segwenti:

   a. L-investigazzjoni bdiet wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni li ċertu Rudgear Scerri kien involut f'logħob illegali u korruzjoni fl-isport. Wara li l-

Pulizija għaddiet għall-arrest ta' Scerri, inġabru diversi *devices* (fosthom *mobile phone* tat-tip *iPhone*) li ġew analizzati mill- *Mobile Device Unit* tal-Forensika. Minn din I-analiżi l- Pulizija sabet *chats* bejn Scerri (mobile number 77281399) u Lydon Micallef (mobile number 99871826 li huwa numru tal-Melita) fejn kien hemm indikazzjoni ċara li kien qed isir logħob illegali u li I-istess Lydon kien qed jgħaddi lil Scerri u *vice-versa* ammont ta' *betting slips* fosthom kopji ta logħob fuq is-sit Bet 365 permezz tal-WhatsApp *chat*.

b. Fl-istess *chat* hemm ukoll l-imputat Rio Micallef li tressaq b'akkużi simili quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

c. Il- Pulizija għaddiet din l-informazzjoni ukoll lill-Awtorita għall-Logħob f'Malta, fejn irriżulta miċ *chats* analizzati li Rio, Rudgear u Lydon kienu qed joffru *bets* fuq diversi logħob ta sports fosthom football u li I- istess logħob kien jixbah lil dak offrut minn kumpaniji reġistrati iżda kien qed jintlagħab fuq l-idejn minħabba li dawn iI-persuni ma kellhomx liċenzja mill-istess Awtorita' biex jilqgħu dan it-tip ta' logħob .

d. Fl-analiżi ta' madwar 1,500 paġna ta' *chats* hemm referenza għal logħob ma' persuni oħra kif ukoll għal *commission* li l-imputat Rio Micallef kellu jieħu mingħand Rudgear Scerri u minn Lydon Micallef. Instab ukoll riferenza għall-ħlas ta' madwar € 30,000 minn Rudgear Scerri lil Lydon Micallef. In kontroeżami qal li ma nstabet l-ebda prova konklussiva dwar it-trasferiment ta' dawn il-flus.

e. Ix-xhud kompla billi jgħid illi għaldaqstant il-pulizija talbet għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Lydon Micallef fejn il-Pulizija sussegwentement irrikorrew ġewwa r-residenza tieghu 125, Birguma Heights Blk B FI 3, Triq Andrea Debono, Naxxar fit-18 ta Frar 2022. Lydon Micallef ġie arrestat aktar tard wara li irrikorra fuq il-post fejn ġie infurmat bid-drittijiet kollha tiegħu, ingħata l-*letter of rights* u kopja tal-mandat. Saret ukoll tfittxija ġewwa r-residenza msemmija fil-presenza tiegħu fejn ġew elevati l-*mobile phone* tiegħu tat-tip *IPhone,* is-somma ta' € 495 fi flus kontanti, *IPhone* b'*cover* roża imkisser, *pen drive* sewda, ftehim ta' self miktub fuq karta u ricevuta ta' arloġġ tad-ditta *Rolex*.

f. Lydon Micallef għażel li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, Dr. Matthew Xuereb, li kien akkumpanjat minnu waqt l-interrogazzjoni li saret mill-istess xhud u mill-Ispettur George Frendo.

g. Sussegwentement il-Pulizija tkellmet mal-Awtorita' li min-naħa tagħha ħarġet *letter to prosecute* fil-konfront ta' Lydon Micallef

h. Rudgear Scerri tressaq quddiem il-Qorti f'Jannar 2021 u ammetta l-akkużi fil-konfront tiegħu. Tressqu ukoll tlett persuni oħra li tnejn minnhom ammettew fi stadju bikri. L-imputat huwa s-sitt persuna li tressaq in konnessjoni mal-istess każ. Il-persuni l-oħra kienu Matthew Bajada, Chris Barbara u Dejan Grech. Fil-każ ta' Chris Barbara u Dejan Grech dawn kienu diġà ingħataw sentenza finali li ma ġietx appellata.

i. In kontroeżami stqarr illi miċ-*chats* irriżulta illi Lydon Micallef u Rudgear Scerri kienu qed jaċċettaw ossia jilqgħu il-logħob filwaqt li l-imputat Rio Micallef kien jitlob *commissions* għall-logħob li kien jghaddilhom

j. Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur esebixxa numru ta' dokumenti inkluż il-*letter to prosecute* fil-konfront ta' Lydon Micallef (Dok Ċ a fol 8 tal-kawża l-oħra), l-istqarrija *audio-visual* ta' Lydon Micallef (Dok WB3 a fol 12 tal-kawża l-oħra) u CD bid-data li ġiet estratta mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri (Dok WB4 a fol 13 tal-kawża l-oħra). Iktar tard ippreżenta ukoll bħala Dok WB9 (a fol 19-49 tal-kawża l-oħra) numru ta' *screenshots* li ttieħdu li juru estratti ta' dawn ic-*chats.*

4. L-istess **<u>Spettur Wayne Borg</u>** xehed b'mod ulterjuri u b'mod partikolari għall-kawża odjerna fejn *inter alia* qal is-segwenti:

a. Wara li l-Pulizija kienet għamlet analiżi taċ-*chats* bejn Rudgear Scerri (mobile number 77281399) u l-imputat Rio Micallef (bin-numru tal-*mobile* 79081783 reġistrat ma' Epic Communications Ltd) irriżulta li kienu qegħdin jiġu organizzati logħob illegali. Għalhekk il-Pulizija talbet u ottjeniet mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat.

b. Huwa kien attenda għall-interrogazzjoni fil-binja tal-FCID fis-17 ta' Frar 2022 meta dakinhar kienet saritlu ukoll tfittxija fil-vettura tiegħu fejn kien ġie elevat *mobile phone* tad-ditta *Samsung.* Waqt l-interrogazzjoni huwa kien assistit mill-Avukat Dr. Marion Camilleri.

c. Sussegwentement il-Pulizija tkellmet mal-Awtorita' li min-naħa tagħha ħarġet *letter to prosecute* fil-konfront tal-imputat.

d. Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur esebixxa numru ta' dokumenti inkluż il-*letter to prosecute* fil-konfont tal-impuat (Dok WBX3 a fol 12), l-istqarrija *audio-visual* tal-imputat (Dok WBX4 a fol 14), CD bid-data li ġiet estratta mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri (Dok WBX5 a fol 16) u numru ta' *screenshots* li ttieħdu li juru estratti ta' dawn ic-*chats* (Dok WBX6 (a fol 17-40).

e. In kontroeżami kkonferma li l-akkużi kontra l-imputat huma mibnija kollha kemm huma fuq il-kontenut taċ-*chats* li ġew estratti mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri. Fost iċ-*chats* huwa qal li kien hemm messaġġi li juru li Rudgear Scerri u Lydon Micallef qablu li jagħtu *commission* ta' 10% lill-imputat fuq logħob li jgħaddilhom. Irriżulta ukoll diversi drabi messaġġi li juru li l-imputat kien qed jgħaddi l-logħob lill-istess Rudgear Scerri.

f. Ikkonferma li ma jidhirlux illi kienet saret xi investigazzjoni dwar il-kontijiet tal-imputat iżda qal illi dan għaliex mill-esperjenza jaf li fejn jidħol logħob illegali l-flus jgħaddu bl-idejn u mhux permezz ta' transazzjonijiet bankarji.

g. Iktar tard kompla jixhed u qal illi miċ-*chats* elevati rriżulta fost oħrajn messaġġ datat 27 ta' Settembru 2020 a fol 30 fejn l-imputat Rio Micallef kien bagħat lil Rudgear Scerri biex jinfurmah illi kien jaf illi persuna partikulari (li kien wissieh dwaru l-istess Scerri) kien iħallas tant illi lilu stess (i.e. lil Rio) dan il-persuna kien taħ € 20,000. Kien hemm messaġġ ieħor datat 27 ta' Settembru 2020 a fol 40 miktub mill-imputat fejn dan qal lil Rudgear Scerri li kien baqalu jiġbor ħafna u li kellhom jiltaqgħu fl-aħħar tax-xahar u messaġġ (a fol 40) li Scerri bagħat lill-imputat bil-kliem: *"5970 bilanċ".*

5. Fl-istess seduta fil-kawża l-oħra xehed l-Uffiċjal Prosekutur **<u>Spettur George Frendo</u>**[1] li spjega *inter alia* s-segwenti:

a. Huwa kien involut fl-investigazzjoni mill-bidu nett peress illi kien hu li bdieha lura fis-sena 2020. F'Jannar 2021 tressaq il-Qorti ċertu Rudgear Scerri li kien akkużat b'reati marbuta ma' logħob illegali u manipulazzjoni fl-isports.

b. Meta kienu saru tfittxijiet fir-residenza ta' Rudgear Scerri kienu inġabru numru ta' *devices* fejn sussegwentement wara li kien tressaq il-Qorti, il-

[1] Fol 18A-B tal-kawża l-oħra

Pulizija kompliet tinvestiga il-kontenut ta' dawk id-*devices* u f'wieħed minnhom ossia' fil-*mobile phone*, nstabu numru ta' *chats* ma persuni oħrajn.

c. Il-Pulizija kompliet tistħarreġ il-kontenut ta' dawk iċ-*chats* fejn sabet diskussjonijiet ma' persuni oħrajn fosthom ma' Lydon Micallef bil-pjattaforma Whatsapp bejn in-numru 77281399 li jappartjeni lil Rudgear Scerri u n-numru tal-mobile phone 99871826 li huwa mobile phone reġistrat mal-Melita u lil jappartjeni lil Lydon Micallef. Il-Pulizija setgħet tara *pattern* f'dawn iċ-chats li kienet tindika b'mod ċar li kien hemm tentattivi ta' logħob illegali jiġifieri logħob fuq l-idejn li kienu qeghdin jilqgħu logħob ma' terza persuni, liema logħob kien jixbah lil dak offrut minn kumpaniji reġistrati uffiċjalment f'Malta, waħda minnhom Bet 365.

d. Fl-analiżi ta' dawn iċ-*chats* irriżulta chat group bl-isem ta' **Rio bet.** Tlett (3) membri f' dan ic-chat group kienu Lydon Micallef, l-imputat Rio Micallef u Rudgear Scerri fejn dawn bejniethom kienu qegħdin jilqgħu logħob mingħand diversi persuni li jaqsmu bejniethom il-commissions Ii kien hemm f'dawn iċ-ċirkostanzi.

e. Il-Pulizija tkellmet mal-Awtorita' għal logħob f'Malta fejn għaddiet kopja ta' dawn l-istess chats lill-istess awtorita' għall-*feedback* tagħha. Mill-analiżi li saret instabu elf u ħames mitt paġna (1,500) relatati ma' Lydon Micallef, fejn kien hemm referenza għal logħob mal-persuni in kwistjoni u *commissions* li kellhom jieħdu bejniethom dawn il-persuni. Kien hemm referenza wkoll għal somma ta' tletin elf euro (€30,000) li Rudgear Scerri kellu jgħaddi lil Lydon Micallef.

f. L-Awtorita' infurmat lill-Pulizija li kien hemm indikazzjoni ċara li seta' kien hemm tentattivi ta' logħob illegali bejn dawn il-persuni u din ħarġet *letter to prosecute* skond il-liġi sabiex tinbeda din il-proċedura kontra Lydon Micallef. Wara li ottjeniet mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Lydon Micallef, fit-18 ta' Frar tal-2022 kien ġie esegwit dan il-mandat u kienet saret perkwiżizzjoni ġewwa Birguma Heights, Blk B, Flat 3, Triq Andrea Debono, Naxxar, fejn Lydon Micallef ġie arrestat dak il-ħin fuq il-post u ġie infurmat bid-drittijiet kollha fosthom bid-dritt illi jibqa' sieket. Ix-xhud ma kienx involut f'din it-tfittxija iżda kien involut aktar tard fl-istess ġurnata fit-18 ta' Frar 2022 għall-interrogazzjoni ta' Lydon Micallef li kienet saret fil-binja tal-FCID fil-Ħamrun. Waqt din l-interrogazzjoni Lydon Micallef kien akkumpanjat mill-avukat tiegħu Dr. Matthew Xuereb. Sussegwentement il-

Pulizija infurmat lill-Awtorita' li kienu ser jinbdew il-proċeduri odjerni kontra l-istess Lydon Micallef.

6. L-istess **<u>Spettur George Frendo</u>** xehed b'mod ulterjuri u b'mod partikolari għall-kawża odjerna fejn *inter alia* qal is-segwenti:

    a. Meta ġew analizzati ċ-*chats* elevati mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri instabu ukoll diversi messaġġi mill-imputat.

    b. Ikkonferma in kontroeżami li ma jidhirlux illi kienet saret xi investigazzjoni dwar il-kontijiet tal-imputat

7. Xehed ukoll fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022 fil-kawża l-oħra **<u>Dr. Jordan Apap</u>**, *Junior Legal Counsel* in rappreżentanza tal-*Malta Gaming Authority* u dan dwar l-involviment tal-Awtorita' fir-rigward ta' dan il-każ. Fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

    a. Mill-analiżi taċ-*chats* irriżulta b'mod ċar li kien hemm involviment fl-offerta ta' servizzi tal-*gaming* li ma kienux liċenzjati.

    b. Huwa kkonferma l-*letter to prosecute* a fol 8 tal-proċess tal-kawża l-oħra fil-konfront ta' Lydon Micallef li nħarġet u ġiet iffirmata fil-presenza tiegħu mill-Avukat Dr. James Baldacchino, *Senior Legal Counsel* fi ħdan l-Awtorita'.

    c. Dwar Dok WB9 a fol 19-49 tal-kawża l-oħra li kien ġie esebit mill-Ispettur Wayne Borg qal illi dawn is-*screenshots* kienu ġew mgħoddija mill-Pulizija lill-Awtorita' u li abbażi tagħhom (u abbażi tal-kontenut tas-CD a fol 13 tal-kawża l-oħra) kienet inħarġet il-*letter to prosecute* fil-konfront ta' Lydon Micallef.

8. L-istess **<u>Dr. Jordan Apap</u>**, xehed b'mod ulterjuri u b'mod partikolari għall-kawża odjerna fejn *inter alia* qal is-segwenti:

    a. Fit-13 ta' Frar 2022 l-Awtorita' kienet irċeviet *e-mail* mill-Uffiċjali Prosekuturi bil-kontenut taċ-*chats inter alia* bejn Rudgear Scerri u l-imputat. Mill-analiżi tagħhom irriżulta b'mod ċar illi kien qed ikun hemm fornitura ta' logħob mhux awtorizzat mill-istess imputat u minn Rudgear Scerri.

    b. Dwar is-*screenshots* (Dok WBX6 a fol 17-40) esebiti mill-Ispettur Wayne Borg li juru estratti taċ-*chats* elevati mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri

kkonferma illi abbażi tagħhom (u abbażi tal-kontenut tas-CD a fol 16) kienet inħarġet il-*letter to prosecute* fil-konfront tal-imputat.

c. Huwa kkonferma ukoll il-*letter to prosecute* a fol 12 tal-proċess fil-konfront tal-imputat Rio Micallef li nħarġet u ġiet iffirmata fil-presenza tiegħu mill-Avukat Dr. James Baldacchino, *Senior Legal Counsel* fi ħdan l-Awtorita'.

d. Minn informazzjoni li għandu, l-imputat m'għandu l-ebda liċenzja sabiex iwettaq l-attivitajiet konċernati u ċioe servizzi ta' logħob.

9. Fis-seduta tas-26 ta' April 2022, xehed l-**Ispettur Neil Caruana**[2] li ppreżenta rapport bħala Dok NC1 bl-estrazzjoni forensika ta' data minn *mobile phone* u *sim card*[3]. Fuq talba tal-Prosekuzzjoni milqugħa mill-Qorti, ġie permess illi r-rapport li ġie esebit fil-kawża l-oħra (ossia fil-proċeduri kontra Lydon Micallef) ikun japplika ukoll bħala prova f'din il-kawża.

10. Fl-istess seduta tas-26 ta' April 2022 xehdet **Charmaine Zammit** in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited li fost affarijiet oħra esebiet dokument[4] li juri li n-numru tal-mobile 79081783 kien reġistrat fuq l-imputat Rio Micallef u dan sa' mis-26 ta' Settembru 2019.

11. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 il-Qorti laqgħet it-talba sabiex ix-xhieda mogħtija fil-kawża l-oħra tkun tapplika ukoll għall-kawża odjerna. Ix-xhieda li taw ix-xhieda tagħhom kienu fost oħrajn:

a. **Yesenia Maria Pace**[5], Deputat Reġistratur, li esebiet vera kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-konfront ta' Rudgear Scerri fit-13 ta' Jannar 2021, liema sentenza ġiet appellata u kienet pendenti l-eżitu finali fl-appell.

12. Fis-seduta tas-16 ta' April 2024 xehed fuq talba tad-difiża **Rudgear Scerri**[6]. Fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

b. Huwa kkonferma illi l-familja tiegħu kellhom negozju marbut mal-logħob peress illi l-ġenituri tiegħu kienu joperaw żewġ banek tal-lottu f'Ħal Qormi u

---

[2] Fol 41A-C
[3] Fol 51-57 tal-proċess tal-kawża l-oħra
[4] Fol 42
[5] Fol 44A-46
[6] Fol 59-78

Ħ'Attard sa' mill-2006 u baqgħu jagħmlu hekk sal-2019. Huwa ġieli kien ikun preżenti però ma kellu xejn x'jaqsam mat-tħaddim tagħhom.

c. Qal li jaf lill-imputat u lil Lydon Micallef fil-futbol peress illi kien fil-kumitat tal-klabb tal-futbol ta' Ħ'Attard.

d. Huwa kompla jwieġeb domandi tal-Prosekuzzjoni fuq awtorizzazzjoni tal-Qorti. Mistoqsi jekk barra l-banka tal-lottu kienx jaċċetta logħob ieħor huwa wieġeb fl-affermattiv. Qal illi dan kien jagħmlu b'mod illegali u f'dan is-sens kien irċieva sentenza fil-konfront tiegħu mill-Qorti. Mitlub jagħti spjegazzjoni ta' kif kien jiġi organizzat dan il-logħob huwa qal illi kien jintuża l-*mobile*. Ix-xhud ġie muri l-*iscreenshots* ta' uħud mid-diskursati li għaddew permezz tal-Whatsapp bejnu u l-imputat (kif ukoll Lydon Micallef) li kienu ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol 17-40. Dawn l-*iscreenshots* huma estratt minn parti ferm ikbar ta' messaġġi li ġew estratti mill-*mobile phone* tax-xhud (esebiti fuq CD a fol 16). Huwa qal li kemm l-imputat u kemm Lydon Micallef kellhom il-vizzju tal-logħob. Qal ukoll li t-tnejn li huma kienu jilgħabu, jibgħatulu l-logħob u kienu involuti ukoll miegħu fl-organizzazzjoni tal-logħob fis-sens illi kienu jilqgħu l-logħob ta' ġokaturi oħra.

e. Ikkonferma li ġieli għaddew flus mingħandu lill-imputat u/jew lil Lydon Micallef in konnessjoni ma' dan il-logħob. Saritlu riferenza għall-messaġġ (parti mid-data li tinsab fuq ic-CD a fol 16) datat 10 ta' Jannar 2021 mibgħut minn Lydon Micallef bil-kliem: *"33,605 RUD to LYD"* u għall-fatt li minn żmien għal żmien kienu jintbagħtu messaġġi simili bl-ammonti li jidher illi kien jgħaddi jew kellu jiġi mgħoddi mix-xhud lil Lydon Micallef (li ġieli telà sa' 36,000 u ġie naqas ukoll). Ix-xhud ikkonferma illi dak kien l-ammont ta' flus li kien jirrappreżenta l-bilanċ dovut li kellu jħallas lil Lydon Micallef in konnessjoni mal-logħob in kwistjoni li kienu qed iżommu hu u l-istess Lydon Micallef. Qal ukoll li din l-operazzjoni ta' organizzazzjoni ta' logħob illegali kienet damet xi madwar sena. Iktar 'l quddiem fix-xhieda tiegħu, meta ġie mistoqsi dwar il-figura ta' € 33,605 li saret riferenza għaliha, ix-xhud qal illi flus kważi qatt ma kienu għaddew bejnu u bejn Lydon Micallef. Qal ukoll illi l-figura msemmija ta' € 30,000 ma kienetx għaddiet bejniethom għalkemm fl-istess nifs qal ukoll illi ma kienx jaf eżattament kemm għaddew flus. Meta kienu jgħaddu l-flus bejniethom dawn kienu ikunu fi flus kontanti.

f. Dwar l-involviment tal-imputat Rio Micallef huwa qal illi dan kellu rwol minuri u iżjed kien jilgħab għalih innifsu. Madanakollu kkonferma li anke dan kien involut fl-organizzazzjoni u filfatt kien jitħallas *commission* ukoll.

g. Spjega li l-*commission* kienet tinħadem bil-persentaġġ meta jintilef il-logħob.

h. Mistoqsi kemm kien jilgħab Rio Micallef ix-xhud ma kienx kapaċi jiftakar bl-amment l-ammonti in kwistjoni.

i. Muri messaġġ datat 20 ta' Diċembru 2020 a fol 30 miktub minn Rio Micallef fil-grupp tal-Whatsapp "Rio bet" bil-kliem "*kellu bżonn tfalli din*" u mistoqsi x'ifissru dawn il-kliem, ix-xhud qal li jekk tfalli l-*bet* tal-ġukatur, jkun hemm il-*commission* dovut lil min qed jorganizza l-logħob, li f'dal-każ kien Rio Micallef innifsu u d-diskors li qal kien f'dan is-sens.

j. Muri messaġġ ieħor li nbagħat minn Lydon Micallef fl-24 ta' Diċembru 2020 (a fol 34 tal-kawża l-oħra) bil-kliem "*U probabbli dawwar xi ħaġa ma rio u żamma mela...Axi batlli l popi ukoll nahseb batlu xi bica rio*" ix-xhud qal illi hawnhekk kienet qed issir riferenza għal xi *bet* li kien żamm Rio Micallef.

k. Ix-xhud ikkonferma illi huwa kien iżomm ossia jilqa' l-*bets* tal-ġukaturi oħra u li Lydon Micallef ġieli kien iżomm il-logħob miegħu ukoll u kien jieħu l-*commission*.

l. Muri messaġġ li bagħat huwa stess fis-27 ta' Settembru 2020 (a fol 24 tal-kawża l-oħra) bil-kliem: *"Ittini 8300. – 1250 Gran canaria +5.5, -1250 gran canaria, +1000 Csd muniċipali, +1060 antigua, 1000/2000 astros u mineros"* x-xhud ikkonferma li hawnhekk huwa kien qed jirreferi għal logħob partikolari.

m. Mistoqsi għalfejn minn żmien għal żmien kienu jintbagħtu *screenshots* mis-sit tal-Bet365 (bħal pereżempju kif jidher a fol 24 tal-kawża l-oħra) ix-xhud qal illi dan kien isir biex wieħed jara l-*odds* tal-imħatri li jkunu ser jintlagħbu.

13. Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2024 xehed **<u>Edmond Galea</u>**[7] in rappreżentanza tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob. Il-Qorti tqis illi din ix-xhieda li ngħatat ftit li xejn hija ta' importanza fil-kuntest tal-provi kollha li ġew imressqa u għalhekk ma tħossx li għandha għalfejn tagħmel riferenza għaliha.

---

[7] Fol 80-81

14. Fit-30 ta' Settembru 2024 xehdet **Donna Latze**[8], *social worker,* in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa. Hija spjegat illi l-imputat mar l-ewwel darba għand l-Aġenzija f'Jannar 2022 minħabba problema ta' logħob tal-azzard. Minn dak iż-żmien huwa beda u baqa' jattendi għal sessjonijiet magħha sabiex jipprova jegħleb din il-problema. Il-vizzju tiegħu huwa l-iżjed relatat ma' logħob li jintlagħab *online.* Qalet li mill-informazzjoni li kien għaddielha huwa tilef madwar € 30,000 b'kawża ta' dan il-vizzju. Spjegat li dan il-vizzju għandu għeruq psikoloġiċi u psikjatriċi. Qalet li matul it-trattament tiegħu sofra minn numru ta' *relapses* inkluż fil-passat riċenti.

15. Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024 xehdet **Dorianne Attard**[9] in rappreżentanza tar-*Responsible Gaming Foundation*. Hija qalet li l-imputat żar il-fondazzjoni għall-ewwel darba f'Mejju 2024 wara li ġie riferut mill-Aġenzija Sedqa u minn dak iż-żmien beda jattendi għas-sessjonijiet. Iddiskriviet il-problema tal-imputat bħala waħda akuta u li kellu madwar € 20,000 dejn relatat mal-vizzju tal-logħob. Qalet li llum il-ġurnata għandu xogħol stabbli u jaħdem bħala kowċ fin-*nursery* tal-football.

**Kunsiderazzjoni: il-liġi**

16. L-**Att dwar il-Logħob** (Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi fost affarijiet oħra s-segwenti:

> **13. Fejn dan l-Att jew xi strument regolatorju ieħor jippreskrivi li xi attività, tkun xi tkun in-natura tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni sabiex titwettaq, it-twettiq ta' tali attività, jew il-promozzjoni, l-għajnuna, it-tħajjir jew xort'oħra l-iffaċilitar biex titwettaq dik l-attività jkun bi ksur ta' dan l-Att sakemm dik l-attività ma tkunx debitament awtorizzata.**

17. Ir-**Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Għal Logħob** (Leġislazzjoni Sussidjarja 583.05) jipprovdi fost affarijiet oħra s-segwenti:

> **3.(1) L-ebda persuna ma tista' tipprovdi jew twettaq servizz ta' logħob jew tipprovdi provvista ta' logħob kritika minn jew Malta lil xi persuna f'Malta jew permezz ta' entità legali Maltija sakemm ma tkunx fil-pussess ta' liċenza valida, jew hi eżentata mill-ħtieġa ta' liċenza taħt l-Att jew kull strument regolatorju ieħor.**
>
> **(2) L-ebda persuna ma tista' toffri logħba liċenzjabbli, kemm bħala parti minn servizz tal-logħob, provvista ta' logħob kritika jew mod ieħor, sakemm dik il-logħba ma tkunx approvata jew mod ieħor rikonoxxuta mill-Awtorità**

[8] Fol 82A-F
[9] Fol 84-89

18. Lura għall-leġislazzjoni prinċipali (L-Att dwar il-Logħob), din il-liġi tagħti definizzjoni *inter alia* ta' servizz ta' logħob u provvista ta' logħob kritika:

> **"servizz tal-logħob" tfisser li logħba ssir disponibbli għall-parteċipazzjoni ta' ġugaturi, kemm direttament kif ukoll indirettament, u kemm weħidhom jew flimkien ma' oħrajn, bħala attività ekonomika;**
>
> **"attività ekonomika" tfisser xi attività li min-natura tagħha hi jew tista' titwettaq għall-għan ta' profitt, kemm jekk dak il-profitt hu għal għan filantropiku jew xi għan ieħor ta' ġbir ta' fondi jew le;**
>
> **"fornitura ta' logħob" tfisser fornitura, direttament jew indirettament, ta' ħaġa jew servizz, fir-rigward ta' servizz tal-logħob, li tkun jew fornitura ta' logħob materjali jew fornitura ta' logħob anċillari, iżda ma tinkludix il-fornitura ta' funzjoni ewlenija;**
>
> **"fornitura ta' logħob kritika" jew "fornitura kritika" tfisser fornitura materjali li hi (a) indispensabbli biex jiġi determinat l-eżitu ta' logħba jew logħbiet li jiffurmaw parti mis-servizz tal-logħob, u, jew (b) hi komponent indispensabbli fl-ipproċessar u, jew fl-immaniġġar ta' data regolatorja essenzjali**

19. Imbagħad l-Att jippreskrivi lista ta' reati kriminali fit-Tielet Iskeda fosthom:

> **(a) L-għoti ta' servizz tal-logħob u, jew fornitura ta' logħob kritika li jeħtieġu liċenzja, mingħajr il-liċenzja meħtieġa maħruġa mill-Awtorità jew minn awtorità oħra kompetenti fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew li jgħinu, iħeġġu jew xort'oħra jiffaċilitaw dak l-għoti.**
> **...**
> **(e) L-użu, it-trasferiment tal-pussess ta', li tibgħat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post, takkwista, tirċievi, iżżomm, tittrasporta, tittrasmetti, toltera, tiddisponi minn jew b'xi mod ieħor tinnegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' kwalsijasi att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att.**

20. Finalment l-Att jipprovdi fl-Art. 23 tiegħu s-segwenti:

> **23.(1) Kull min jagħmel reat stipulat fit-Tielet Skeda jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux iżjed minn ħames mitt elf euro**

**(€500,000), jew priġunerija ta' mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:**

**Iżda meta persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt dan l-Att tkun reċidiva dwar reat taħt dan l-Att, dik il-persuna teħel multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux iżjed minn miljun euro (€1,000,000), jew priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn sitt snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:**

**Iżda wkoll meta dik il-persuna li hekk tintsab ħatja tkun il-president, direttur, manager, jew xi uffiċjal ieħor li jeżerċita funzjonijiet eżekuttivi f'kumpanija jew f'impriża oħra, dik il-persuna għandha, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, titqies li tkun vestita bir-rappreżentanza ġuridika ta' dik il-kumpanija jew impriża oħra, organizzazzjoni, klabb, soċjetà jew assoċjazzjoni oħra jew korp ta' persuni, li skont hekk tkun responsabbli in solidum mal-persuna misjuba ħatja għall-ħlas ta' dik il-multa.**

**(2) Il-multa msemmija fis-subartikolu (1) għandha titqies dejn ċivili, u pagabbli lill-Awtorità, li dwarha jkun hemm titolu eżekuttiv.**

**(3)Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation u tal-artikolu 21 u tal-artikoli 28A sa 28I tal-Kodiċi Kriminali m'għandhomx japplikaw dwar reati msemmija fis-subartikolu (1).**

**Kunsiderazzjoni: argumenti ta' natura preliminari mressqa mid-difiża**

21. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur għamlet tagħha l-punti preliminari li ġew imqajjma mill-avukat difensur ta' Lydon Micallef fil-kawża l-oħra "Il-Pulizija v. Lydon Micallef" – liema argumenti *inter alia* jistgħu jiġu sintesizzati bil-mod segwenti;

22. *Nuqqas ta' kompetenza ta' Dr. Jordan Apap:* Qabel xejn ġie argumentat illi x-xhud illi rrappreżenta lill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob fil-kors tal-kawża, ossia Dr. Jordan Apap, ma kellu l-ebda kompetenza li jagħmel dan ai termini tal-Art. 9 tal-Att dwar il-Logħob u għalhekk kull ħaġa li qal fix-xhieda tiegħu hija inammissibbli.

    L-Art. 9 tal-Att jipprovdi kif ġej:

    **9.(1) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità tkun vestita fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni:**

    **Iżda l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jaħtar xi wieħed jew aktar mill-membri, uffiċjali jew impjegati tal-Awtorità biex jidhru, jiffirmaw jew mod ieħor jaġixxu għan-nom tal-Awtorità fi proċedimenti legali u, jew fuq xi att, kuntratt, strument jew dokument ieħor, ikun x'ikun:**

    **Iżda wkoll fir-rigward ta' xi ħaġa li taqa' fi ħdan il-funzjonijiet vestiti f'xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv, ir-rappreżentazzjoni legali tal-Awtorità tkun vestita wkoll f'dak il-**

**membru tal-Kumitat Eżekuttiv li jaġixxi waħdu, jew f'dak il-membru, uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità, kif il-membru tal-Kumitat Eżekuttiv jista' jaħtar jew jawtorizza għal dan il-għan.**

**(2) Dokument li jinftiehem bħala strument magħmul jew maħruġ mill-Awtorità u ffirmat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, jew minn membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-rigward ta' kull ħaġa li tinkwadra fil-funzjonijiet vestiti fid-direttorat relattiv mill-Awtorità, għandu jiġi riċevut bi prova u għandu, sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, jitqies bħala strument magħmul jew maħruġ mill-Awtorità.**

L-Avukat Dr. Jordan Apap, li fost affarijiet oħra xehed dwar jekk l-imputat kellux liċenzja mill-Awtorita' sabiex iżomm jew tipprovdi jew iwettaq servizz ta' logħob jew provvista ta' logħob kritika, identifika lilu nnifsu bħala *Junior Legal Counsel* fi ħdan l-Awtorita'. Issa għalkemm l-istess Dr. Apap m'huwiex l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorita', b'danakollu l-Qorti m'għandha l-ebda dubbju illi meta kien qed jixhed huwa kien qed jagħmel hekk bħala rappreżentant legali u ġuridiku tal-Awtorita' awtorizzat minnha stess sabiex jitkellem u jirrappreżentaha f'isimha. Li kieku d-difiża kellha xi dubbju dwar dan hija setgħet faċilment ikkonfrontatu proprju fuq dan il-punt fil-kontroeżami tiegħu, xi ħaġa li hija m'għamlitx. Il-Qorti ma tqisx għalhekk illi dan l-argument huwa validu.

23. Dwar il-*<u>letter to prosecute</u>* <u>fil-konfront tal-imputat</u> ġie argumentat ukoll illi ma setax ikun l-istess Dr. Jordan Apap li jikkonfermaha bil-ġurament imma jekk xejn kellu jkun l-avukat li rrilaxxa u ffirmaha, ossia' l-Avukat Dr. James Baldacchino li jagħmel dan. Inoltre ġie argumentat illi din ma setgħet qatt inħarġet mill-avukat imsemmi Dr. James Baldacchino peress illi ma kellu l-ebda awtorità li jagħmel dan taħt l-Art. 9 tal-Att dwar il-Logħob u fi kwalunkwe każ l-*letter to prosecute* m'hijiex valida peress illi ma tindikax id-dati meta ġew allegatament kommessi r-reati in kwistjoni.

L-Art. 24(2) tal-Att jipprovdi s-segwenti:

**24(2). Ebda proċediment kriminali taħt dan l-Att jew xi strument regolatorju ieħor ma għandu jinbeda ħlief bil-permess tal-Awtorità, u proċedimenti li jkunu hekk ġew mibdija jistgħu, fi kwalunkwe żmien qabel is-sentenza finali, jiġu rtirati fuq talba tal-Awtorità.**

It-test Ingliż imur oltre billi jipprovdi kif ġej:

**(2) No criminal proceedings under this Act or any other regulatory instrument shall be taken except at the instance or <u>with the sanction of</u> the Authority, and proceedings that have been so taken may, at any time before final judgment, be withdrawn at the request of the Authority.**

L-Awtorita' ħarġet l-hekk imsejjħa *letter to prosecute* fis-16 ta' Frar 2022 (fol 12) u din ġiet iffirmata mill-Avukat Dr. James Baldacchino bħala *Senior Legal Counsel.* Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija v. George Vella</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali, App. Nru 89/2023, Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiż 23 ta' Mejju 2023):

> "Il-ligi ma tipprovdix xi jrid ikun fiha ezatt il-letter to *prosecute* izda huwa desiderabbli li min jiffirma dokument, ikun hu li jikkonfermah bil-gurament u dan anke stante l-*best evidence rule.* Madankolu, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Julian Cutajar</u>**[10] gie ritenut hekk dwar ir-regola tal-*best evidence* u l-interpretazzjoni tal-istess:
>
>> *'Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn issub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem,* ***"Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk.*** *Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda.'*
>
> Referenza ghas-sentenza sucitata saret fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Roderick Gerada</u>**[11] fejn din tal-ahhar ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Fenech Omissis</u>**[12] fejn id-Difiza kienet attakkat il-kaz tal-Prosekuzzjoni minhabba li din kienet ghal xi raguni naqset milli tressaq bhala prova '*il-letter to prosecute*' mahruga mid-Direttur ta' Transport Malta. Il-Qorti qalet hekk:
>
>> *Id-difiża ssottomettiet ukoll li f'dan il-każ 'il-best evidence' kienet tkun il-letter to prosecute. Fil-fehma tal-Qorti, dan mhux bilfors huwa korrett. L-ewwelnett ħa naraw kif qed tkun ittrattata din ir-regola li tidher fl-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-Blackstone's Criminal Practice tas-sena 2008 )xord paġina 2285 insibu hekk:*
>> *'The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but defunct.'*

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012.
[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 t' Ottubru, 2022
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-15 t' Ottubru, 2013

> *U Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:*
>
> *The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.' Minn dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet jirriżulta li l-best evidence rule kif nafuha ilha li spiċċat. Aħna nibqgħu nippersistu ngħidu l-istess ħaġa qisu qatt ma ċċaqlaq xejn għal tal-anqas dawn l-aħħar 44 sena. Basta ngħidu bħal dak li qalu ta' qabilna.'*

> ... din il-Qorti hi tal-fehma illi kif diga' gie ritenut *supra*, ghalkemm forsi kien ikun iktar desiderabbli li min iffirma 'l-*letter to prosecute'* kellu jikkonfermaha hu bil-gurament, ma jfissirx li ghax din l-istess '*letter to prosecute'* giet ikkonfermata minn xi rapprezentant iehor tal-istess dipartiment allura l-proceduri kollha li saru quddiem l-Ewwel Qorti huma monki"

Il-Qorti tikkondividi bi sħiħ dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell u tqis anke hi li għalkemm kien ikun aħjar illi l-Prosekuzzjoni ressqet lil Dr. James Baldacchino sabiex jikkonferma l-ittra li nħarġet minnu, madanakollu l-fatt illi din ġiet ikkonfermata bil-ġurament minn Dr. Jordan Apap bħala *junior legal counsel* fi ħdan l-istess Awtorita ma jagħmilx tali prova bħala waħda inammissibbli. Dan jingħad iżjed u iżjed meta jiġi meqjus illi skond l-istess Dr. Jordan Apap din l-ittra ġie magħmulha u ffirmata minn Dr. Baldacchino fil-preżenza tiegħu.

Dwar l-argument illi Dr. Baldacchino ma seta' qatt joħroġ l-imsemmija *letter to prosecute* peress illi ma kellu l-ebda kompetenza jagħmel hekk taħt l-Art. 9 tal-Att, il-Qorti m'għandha żżid xejn ma dak li ġa qalet fuq argument simili imqajjem dwar Dr. Jordan Apap, għajr illi għal darb' oħra m'għandha l-ebda dubbju illi l-avukat imsemmi ħareġ l-ittra msemmija bħala rappreżentant legali u ġuridiku tal-Awtorita' awtorizzat minnha stess sabiex joħroġ l-ittra u jiffirmaha f'isimha.

Dwar il-fatt illi l-*letter to prosecute* ma fihiex id-dettalji dwar meta ġew kommessi l-allegat reati l-Qorti tirribadixxi dak li qalet il-Qorti tal-Appell ossia illi l-liġi ma tgħidx x'għandha jew x' m'għandiex ikun fih din il-*letter to prosecute.* Ikun biżżejjed għall-Qorti, u filfatt f'dan il-każ ġie muri b'mod sodisfaċjenti lill-Qorti, illi jiġi ppruvat illi l-Awtorita' tat il-permess sabiex jinbdew dawn il-proċeduri kontra l-imputat. L-istess ittra hija datata 16 ta' Frar 2022 (ġimgħa qabel ma ġew iffirmati l-akkużi mill-Uffiċjali Prosekuturi) u tagħmel riferenza b'mod ċar lill-imputat u r-reati speċifiċi li għandu jiġi akkużat bihom. Inoltre x-xhieda ta' Dr. Jordan Apap fil-kors tal-proċeduri ma jħallu l-ebda dubbji illi l-Awtorita' tat il-permess meħtieġ sabiex il-Pulizija Eżekuttiva tippreżenta l-akkużi in kwistjoni fil-konfront tal-imputat.

24. Ġie argumentat ukoll illi l-kawża tal-Prosekuzzjoni hija bbażata fuq il-messaġġi tal-Whatsapp li allegatament ġew skambjati bejn Rudgear Scerri, Rio Micallef u Lydon Micallef, u li l-kawża taqa' fix-xejn ġaladarba l-estrazzjoni ta' dawn il-messaġġi saret minn espert *ex-parte* ossia mill-Ispettur Neil Caruana meta semmai din kellha ssir minn espert maħtur mill-Qorti. Inoltre ġie argumentat illi huma ukoll inammissibbli billi r-rapport li ġie esebit mill-istess Spettur Neil Caruana jirrigwarda estrazzjoni minn *mobile phone* li m'għandu x'jaqsam xejn mal-kawża in kwistjoni. Skont id-difiża ukoll, l-*iscreenshots* li ġew esebiti bħala estratt minn dawn il-messaġġi huma inammissibbli bħala prova billi ma jikkonsistux fl-aħjar prova li setgħet tinġieb.

25. Dwar dan il-Qorti qabel xejn taqbel mad-difiża illi r-rapport ippreżentat mill-Ispettur Neil Caruana fis-seduta tas-26 ta' April 2022 bl-estrazzjoni forensika ta' data minn *mobile phone* u *sim card*[13] m'huwiex ammissibbli bħala prova peress illi d-*devices* in kwistjoni m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-kawża. Filfatt ħarsa ħafifa lejn dan ir-rapport turi illi dan ġie kompilat dwar is-suspettat *"Heathcliff Farrugia"* u jikkonċerna s-suspett illi dan kien qed jiżvela sigrieti professjonali lil terzi. Għalhekk jidher illi dan ir-rapport ġie esebit bi żvista u li l-messaġġi tal-WhatsApp estratti mill-*mobile phone* in kwistjoni u li jinsabu fuq id-DVD anness mar-rapport m'huma tal-ebda rilevanza għall-każ in eżami.

26. Madanakollu l-Qorti ma taqbel xejn mad-difiża illi d-DVD esebit bħala Dok WBX5 a fol 16 bid-data li ġiet estratta mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri m'huwiex prova ammissibbli għaliex l-estrazzjoni ma saritx minn espert maħtur mill-Qorti. Huwa minnu illi l-Qorti ma ħatret l-ebda periti f'din il-kawża u għalhekk ma tista' toqgħod fuq l-ebda **opinjoni** ta' esperti *ex parte* li l-partijiet jogħġobhom jressqu. Il-ħatra ta' periti hija regolata bl-Art 650 sa 657 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li għad-differenza tal-Kap 12 ma jsemmi xejn dwar prova kostitwita mill-opinjoni ta' espert *ex parte.* Madanakollu jrid jingħad ukoll li kif sew intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Longinu Aquilina** (23.1.1992, Kollezz LXXVI, I. p.23):

> "...dawk l-ufficjali tal-Pulizija kienu xhieda kompetenti biex jixhdu dwar il-fatti u r-rizultanzi li rrizultawlhom waqt l-indagni taghhom – anki waqt li kienu qed jespletaw l-inkarigu lilhom moghti w li dwar dawk il-fatti huma setghu jiddeponu u r-rapporti minnhom prezentati , in kwantu jelenkaw u jirraportaw dawn il-fatti, huma ammissibbli kif ukoll kienu ammissibbli ukoll limpronti tas-swaba mehuda minnhom . Pero' kellkom jigu sfilzati minn dawn ir-rapporti kull opinjoni esperta – komparattiva jew xort' ohra – li l-istess ufficjali nkludew fir-relazzjonijiet taghhom ..."

---

[13] Fol 41A-C

Huwa ċar illi **<u>l-estrazzjoni</u>** tal-messaġġi tal-WhatsApp estratti mill-*mobile phone* ta' Rudgear Scerri, saret minn min saret, ma tikkonsistix f'**<u>opinjoni</u>** li ġiet espressa min xi espert *ex-parte.* Jingħad ukoll b'mod separat illi l-Qorti ma kellha bżonn l-ebda għajnuna teknika (għalkemm kellha bżonn ħafna ħin!) sabiex tieħu konjizzjoni tal-eluf ta' messaġġi li jinsabu fuq id-DVD in kwistjoni.

Finalment għar-raġunijiet espressi ukoll fis-sentenza diġà ċitata **<u>Il-Pulizija v. George Vella</u>**, il-Qorti ma taqbilx illi s-*screenshots* esebiti bħala Dok WBX6 a fol 17-40 li juru estratti ta' dawn ic-*chats* huma inammissibbli għaliex ma jikkonsistux fl-aħjar prova. Dan jingħad mhux biss għaliex f'dan il-każ l-aħjar prova filfatt ġiet esebita permezz tad-DVD in kwistjoni, iżda inoltre għaliex fiż-żminijiet tal-lum ftit li xejn għadu validu li wieħed jitkellem fuq l-inammissibbilita' *o meno* ta' prova li ma tkunx l-aħjar waħda li tista' tinġieb imma huwa iżjed rilevanti illi wieħed jirreferi għall-**<u>valur probatorju</u>** li tali prova tista' toffri lin-naħa li tkun resqitha.

**Kunsiderazzjoni dwar l-akkużi**

27. L-ewwel akkuża hija dik illi l-imputat ta jew offra servizz tal-logħob u, jew fornitura' ta' logħob kritika li jeħtiegu liċenzja, mingħajr il-liċenzja meħtieġa skond il-liġi jew għen, ħeġġeġ jew xort'oħra ffaċilita dak l-għoti. It-tieni akkuża hija dik illi l-imputat fost affarijiet oħra ttrasferixxa jew bagħat lil xi persuna r-rikavat minn dan il-logħob. It-tielet akkuża hija dik iżjed ġenerika illi l-imputat wettaq, ippromwova, ta għajnuna, ħajjar jew b'xorta'oħra ffaċilita t-twettiq ta' attività Ii teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr tali awtorizzazzjoni.

28. Il-Qorti fliet il-messaġġi kontenuti fid-DVD esebit bħala Dok WBX5 a fol 16 kif ukoll l-i*screenshots* ta' estratti minnhom li jidhru bħala Dok WBX6 a fol 17-40. Dawn kollha jippreżentaw stampa ċara ħafna ta' *betting* u logħob tal-azzard li Lydon Micallef u Rudgear Scerri (bl-involviment ukoll tal-imputat Rio Micallef) kienu fuq temp ta' diversi xhur <u>kontinwament</u> jgħaddu lil xulxin, inkluż *betting* magħmul minn ġugaturi terzi. Kważi f'kull każ dan il-logħob kien ibbażat fuq logħob simili li huwa offrut minn kumpaniji reġistrati fl-industrija tal-logħob bħal ma hija Bet365. Daqstant ieħor huwa ċar illi dan il-logħob kien isir bħala attività ekonomika fis-sens illi kien jitwettaq bl-għan illi jsir profitt minnu. Il-fatt biss illi l-Prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda investigazzjoni finanzjarja dwar il-kontijiet tal-imputat u li ma ressqet l-ebda prova dwar xi transazzjonijiet f'dan ir-rigward ftit li xejn hija ta' rilevanza f'kuntest fejn hemm numru kbir ta' provi indizjarji (partikularment meta l-imputat, Rudgear Scerri u Lydon Micallef jitkellmu dwar il-bilanċ dovut u meta għandu jitħallas) li jagħmlu l-prova b'mod ieħor, apparti ukoll illi kif qalet sew il-Prosekuzzjoni l-ħlas f'dan it-tip ta' logħob isir fuq l-idejn fi flus kontanti.

29. Il-Qorti tqis ukoll illi ġie ppruvat illi l-imputat ma kellu l-ebda liċenzja maħruġa mill-Awtorita' ta' Malta Għal-Logħob sabiex jipprovdi l-logħob in kwistjoni.

30. **Fuq kollox** il-Qorti tara li l-messaġġi in kwistjoni ġew imbagħad sorretti mix-xhieda mogħtija minn Rudgear Scerri nnifsu, illi kkonferma mhux biss l-estent tal-logħob in kwistjoni iżda inoltre l-fatt illi kienu jitħallsu *commissions* lill-imputat u/jew lil Rio Micallef in konnessjoni ma' dan il-logħob.

31. Skont Rudgear Scerri l-involviment tal-imputat kien wieħed iżjed minuri meta mqabbel mal-involviment tiegħu nnifsu u ta' Lydon Micallef, peress illi kien iżjed jilgħab għalih innifsu. Tal-istess fehma kienet il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni finali u anke l-imputat innifsu fl-istqarrija ċaħad li huwa kien jilqa' l-logħob ta' ġukaturi oħra. Madanakollu minn dak li xtarret il-Qorti jidher ċar illi anke l-imputat kien involut fl-organizzazzjoni tal-logħob in kwistjoni, xi ħaġa li toħroġ ukoll u ġiet ikkonfermata mix-xhieda tal-imsemmi Rudgear Scerri. L-unika ħaġa li jista' jingħad huwa illi verament l-involviment tiegħu kien inqas frekwenti u intensiv minn dak tal-organizzaturi l-oħra.

32. Il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha mhux biss 'l hinn minn kull dubbju raġjonevoli iżda addirittura kważi sal-livell ta' ċertezza assoluta.

*33.* Għal kull bwon fini l-Qorti tiddikjara illi għall-finijiet tal-piena hija ser tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha soċjali u personali tal-imputat kif mfissra minn Donna Latze u Dorianne Attard fix-xhieda tagħhom ippreżentata fil-Qorti.

**<u>Deċiżjoni</u>**

**Għar-raġunijiet imsemmija u wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 13, 23, It-Tielet Skeda (a) u (e) tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u timmultah is-somma ta' għaxart elef euro (€ 10,000) liema somma titqies li hija dejn ċivili pagabbli lill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob li dwarha jkun hemm titolu eżekuttiv.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |